**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 148/21/F

**Emanuel Bugeja**

**vs**

**Portelli & Brincat Limited**

Illum, 13. ta' Ottubru, 2022

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar id-9 ta' Settembru 2021 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar is-27 ta' Settembru 2021 f'idejn ċertu "S. Portelli";

Ra lis-soċjetà intimata naqset milli tippreżenta risposta u naqset ukoll milli tidher għas-seduta tat-30 ta' Mejju 2022 li għaliha kienet debitament notifikata;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent bil-ġurament.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' mija u erbgħin Euro (€140.00) li huwa kien ħallas bħala *deposit* lis-soċjetà intimata meta huwa ordna 7 rollijiet *wallpaper* mingħandha nhar it-2 ta' Ġunju 2021.

Illi l-istess Rikorrent spjega li minkejja li huwa ħallas id-*deposit* kif mitlub, ir-rollijiet tal-*wallpaper* baqgħu qatt ma waslu u dan nonostante li kien hemm ħafna insistenza minn naħa tar-Rikorrent kemm telefonikament kif ukoll tramite l-assistenza tal-MCCAA.

Illi s-soċjetà intimata effettivament naqset milli tqajjem difiżi in kontestazzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent.

Illi t-Tribunal iqis li r-Rikorrent ipprova l-każ tiegħu b'mod sodisfaċenti skont il-liġi u għalhekk, it-Talba tiegħu timmerita akkoljiment.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqaha u jikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' mija u erbgħin Euro (€140.00).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tas-soċjetà intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***